# IX-XLENDI

IX-XLENDI! Bajja maqtugħa għal kollox minn kull raħal, imħaffra mill-istess natura, għandha ssaħħar bi ġmielha lil kull min imur jaraha.

Maqtugħa u mfassla tassew bil-għaqal. Imħaffra 'l isfel bejn blat, naħa għoli ħafna u naħa ġej għal xejn il xejn lejn il-baħar. Donnha, dik inhar li saret il-bajja tax-Xlendi, in-natura kienet tirraġuna. Donnhom dawk l-ilmijiet iwaħħxu li setgħu ħaffru l-bajja tax-Xlendi kienu ħaġa waħda mal-bnedmin. Li kieku l-bajja tax-Xlendi ġiet imħaffra bejn blat għoli minn żewġ naħiet, kienet titlef ħafna mis-sbuħija tagħha. Ix-xemx kienet tkun tiddawwar ma tilħaq biex issaħħan il-baħar. Kienet tkun ukoll taqa' bħal dalma ta' swied il-qalb għal min imur igħum. Imma n-natura ma riditx tisma' tgergir, għalhekk ħalliet naħa waħda baxx kemm jista' jkun, fejn il-lum wieħed jista' jgħum billi jinżel minn taraġ baxx imgerrem mill-istess żmien u raxx tal-baħar.

Ma' tul xifer il-fomm tal-bajja, il-baħar jidher imrikkeb għal xejn il xejn fuq ramel fin u safi, fejn iktar 'il fuq hemm miknus u miġbur mill-istess mewġ tal-baħar ċagħaq imrambel u tond qisu bajd ta' tjur kbar u żgħar. Max-xaqliba tal-blat għoli hemm ħajt dobblu mibni 'l barra biex jistor lin-nisa mistħija waqt li jkunu jgħumu. Il-biċċa li hemm maqtugħa għan-nisa tinsab imwaħħxa minn għar kbir u mudlam fejn żewġ xebbiet ħallew ħajjithom mibrumin minn lembut ta' baħar imqalleb. Htija ta' din il-ġrajja n-nisa ftit u xejn għadhom igħumu f'din in-naħa, imsemmija l-baħar tan-nisa. Il-biċċa l-oħra tal-baħar isejħulha l-baħar tar-rġiel.

Min-naħa tal-blat il-għoli wieħed jista' jitla' ma' żaqq il-blat minn taraġ miksur f'għamla ta' zikk-zakk li jieħu għall-għar ta' Kullarina. Qabel ma tinżel ġo dan l-għar, issib bieb tal-ħadid f'għamla ta' xatba, tistħajlek qisek nieżel ġo ħondoq iwaħħax. Tibqa' nieżel 'l isfel issib għadira baħar, kbira u ċara, maqtugħa għal kollox mill-baħar, b'xi mazzun jiskarta 'l hawn u 'l hemm taħt il-ġebel iħaddar bil-ħass. Din l-għadira tinsab imħaddna minn għar żgħir magħmul bl-idejn bi spejjeż ta' mara għanja ta' żmien il-qedem, li kien jisimha Kullarina, fejn kienet tħobb tmur tgħum. Kif toħroġ minn dan l-għar biex tħares faċċata,

għandek tara minn tarf sa tarf tal-faċċata l-oħra. Din il-faċċata qiegħda tassew imfassla tajjeb għall-għum. Wara li wieħed ikun tbaħbaħ f'baħar ċar u nadif, meħlus minn kull ħmieġ, morga, żjut jew dħaħen tal-bastimenti, jista' jitla' joqgħod bil-qiegħda fuq tarġ maqtugħ għal daqshekk, iħares lejn ħafna nagħaġ u mogħoż imxabbtin ma' żaqq il-blat li jieħu sa Ras Maħrax. Wieħed jista' jara wkoll tfal ta' bla għaqal jixxabbtu ma' ħabel marbut minn fuq, għall-bejtiet tal-marelli u taċ-ċief. Wieħed jista' wkoll jinzerta tgħajjira ta' raħħal u raħħala, minsuġa fi kliem ta' mħabba, imqabbel u minsuġ b'sengħa u b'ħeffa li tgħaġġeb, tidwi minn fuq l-għolja ta' Ras Maħrax.

Il-blat il-baxx tal-bajja tax-Xlendi jibqa' sejjer sa ma jinkiser f'żewġ daħliet baħar. Dawn id-daħliet jissejħu l-Kantra l-Kbira u l-Kantra ż-Żgħira, fejn ħafna raħħala jinżlu jaħslu n-nagħaġ imdemmlin, qabel ma jġiżżuhom. Kif tħalli l-Kantra l-Kbira, tibqa' sejjer sat-Torri fejn hemm biċċa wita tajba mhux ftit għal-logħob tal-ballun.

Nhar ta' Ħadd, ix-Xlendi jkun imwennes minn ħafna nies ta' rħula differenti. Għall-ħabta ta' filgħaxija, meta x-xemx tkun taffiet ftit mir-raġġi ħarrieqa tagħha, tibda tara ħafna rġiel u nisa, tfal kbar u żgħar neżlin bil-mixi ġemgħa ġemgħa biex igħumu. Xi wħud jinżlu fuq karrettuni miġbudin minn bhejjem imniggża, waqt li oħrajn jinżlu fuq id-dahar qammiesi tal-bhejjem għerja.

Meta l-ħin ikun sar sewwa, u x-xemx tkun qiegħda titfa' l-aħħar raġġi mejtin tagħha, ix-Xlendi jiżgħed bin-nies. Dawn jitferrxu mal-moll kollu, u jibqgħu sejrin sal-kisra tal-Kantra l-Kbira. Min jilbes u min jinża' biex igħum, min bil-qiegħda jiftaħ is-sorra tal-ħobż u min ġa beda jiekol il-kisra tal-ħobż b'aptit ta' nagħma. Ix-xemx taraha tgħib bil-mod il-mod, qisha qed tnemmes u tidħak minn wara l-għolja ta' Ras Maħrax bil-kedda xemx li tat lil dawk li qed igħumu. Minn fuq l-għolja ta' Ras Maħrax tisma' wkoll il-għajta ġejja mill-bogħod ta' raħħala li tilfu xi nagħġa jew li qegħdin jiġbru l-merħla lejn id-dar.

Meta x-xemx tkun għibet għal kollox, u tibda tidher daqsxejn tad-dalma, in-nies tarahom jinġabru mill-ġdid qatgħa qatgħa biex jerħulha lejn id-dar. Tarahom, min ixidd il-bhima maħqura bid-dubbien iniggeż daqs il-qaqoċċ tax-xewk, u min jirkeb fuq dahar il-bhejjem miksi b'xi biċċa xkora biex ma jxarrbux il-qalziet. Jinġabru wkoll xi żgħażagħ b'xi kitarra u argunett

tal-ħalq, igħannu għana ta' mħabba wara xi xebbiet raħlin, bil-libsa tal-għum x'aktarx tan-newl, imgeżwra qagħqa fuq rashom.

Ftit tal-ħin wara x-Xlendi jaqa' baħħ, u jibqa' mwennes biss minn xi ftit nies li jqattgħu s-sajf hemm, u xi sajjieda. Meta l-qamar ma jasalx sax-Xlendi, taqa' dalma u skiet li jwaħħax. Dan id-dlam ikun xi ftit imtaffi minn fanal tal-lampa u xi dawl ieħor inewnem fuq il-baħar ta' xi sajjieda. Jinstema' mbagħad il-ħoss ivenven ta' ġwejnaħ il-kokok u ż-żarżir tal-ġrillijiet, waqt li l-friefet il-lejl joħorġu bil-mijiet mix-xquq dojoq biex ilaqqtu n-nemus li jkun inġabar fuq il-fdal tal-ħobż li jħallu l-mawwara tax-Xlendi.

KARM. AQUILINA.